Registry of the Civil Courts (Family Section), today 6th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1283

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Marzu, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Joseph Attard vs Alfred Attard, Rikors numru 18/2024JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Alfred Attard a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Joseph Attard (KI 156669M) vs Alfred Attard (KI 43970M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-16 ta' Jannar, 2024, ir-rikorrenti Joseph Attard talab lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

By means of a decree of the 6th March, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Joseph Attard vs Alfred Attard, Application Number 18/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Alfred Attard in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Joseph Attard (ID 156669M) vs Alfred Attard (ID 43970M) filed before the Rent Regulation Board, on the 16th January, 2024, the applicant Joseph Attard (ID 156669M) requested this Honourable Board to:

1. Prevja, okkorendo d-dikjarazzjoni li l-kirja kuntrattata bis-saħħa tal-iskrittura tad-29 ta' April 2020 tal-garaxx Raymanda Garage, 16, Triq il-Port Ruman, Il-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, skadiet fit-28 ta' April, 2023, jikkundanna lill-intimat sabiex immedjatament jiżgombra minn dan il-fond u jikkonsenja l-pussess vakanti tiegħu lir-rikorrenti;

2. Jiddikjara li l-intimat għad fadallu jħallas is-somma ta' €5400 bħala arretrati ta' kera fuq dan il-fond b'effett sat-28 ta' April, 2023, u €360 bħala konsum tad-dawl u ilma fuq l-istess fond u jikkundanna lill-intimat iħallas din is-somma flimkien mal-imgħaxijiet legali b'effett mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż u bir-riżerva ta' kwalunkwe azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa inġunt l-intimat.

Rikorrent: San Jose, Triq Borġ Għarib, Għajnsielem, Għawdex

Notifika: 285, Micallef and Vella, Flat 7, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar, u/jew 16 , Raymanda Garage, 16, Triq il-Port Ruman, Il-Qawra

Ir-rikors fl-ismijiet Joseph Attard vs Alfred Attard, Rikors numru 18/2024JG, jinsab differit għall-24 ta' Ġunju, 2024, fil-11.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Saving, if necessary, the declaration that the lease contracted by virtue of the writing of the 29th April 2020 of the garage Raymanda Garage, 16, Triq il-Port Ruman, Qawra, limits of St Paul's Bay, expired on the 28th April, 2023, condemn the respondent to immediately vacate this premises and deliver its vacant possession to the applicant;

2. Declare that the respondent still has to pay the sum of €5400 as arrears of rent on this premises with effect till the 28th April 2023 and €360 as consumption of water and electricity on the same premises and condemn the respondent to pay this sum together with legal interest with effect from the date of service of this application till the date of effective payment.

With costs and reserving any further action due to the applicant against the respondent.

With the request that a reference to his oath be made for which from now the respondent is summoned.

Applicant: San Jose, Triq Borġ Għarib, Għajnsielem, Gozo

Notification – 285, Micallef and Vella, Flat 7, Triq it-Turisti, St Paul's Bay, and/or 16 , Raymanda Garage, 16, Triq il-Port Ruman, Qawra

The application in the names Joseph Attard vs Alfred Attard, Application number 18/2024JG, has been postponed for hearing to the 24th June, 2024, at 11.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 6th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1284

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-17 ta' Jannar, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4107/2023, fl-ismijiet APS Bank plc ġja APS Bank Limited vs Troy Services Limited et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lill-intimati Troy Services Limited, Raymond Camilleri u Odette Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 26 ta' Settembru, 2023

Lil: Troy Services Limited (C17220) ta' 46 (qabel 62), Triq il-Forn, Ħal Lija, bħala debitur prinċipali;

By means of a decree of the 17th January, 2024, in the records of the judicial letter number 4107/2023 in the names APS Bank plc previously APS Bank Limited vs Troy Services Limited et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Troy Services Limited, Raymond Camilleri, Odette Camilleri in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 26th September, 2023

To: Troy Services Limited (C17220) of 46 (previously 62), Triq il-Forn, Ħal Lija, as the principal debtor;

Raymond Camilleri (KI 317851M) ta' 46 (qabel 62), Triq il-Forn, Ħal Lija, bħala garanti solidali;

Odette Camilleri (KI 395756M) ta' 46 (qabel 62), Triq il-Forn, Ħal Lija, bħala garanti solidali

Permezz tal-preżenti APS Bank plc gja APS Bank Limited (C2192) ta' APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4012, jinterpellakom sabiex fi żmien ġimgħa minnotifika ta' din l-ittra uffiċjali tħallsu lill-mittenti s-somma ta' €337,774.35 dovuta minnkom, in solidum bejnietkom, bħala debitu kostitwit permezz ta' kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Dott. Gerard Spiteri Maempel tad-9 ta' Mejju, 2023, u kif ukoll l-imgħaxijiet ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena b'effett mid-9 ta' Mejju, 2023, sad-data tal-ħlas effettiv dovuti wkoll skont il-precitat kuntratt notarili.

Din l-ittra uffiċjali qed isservi biex tirrendi eżekuttiv il-preċitat kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Dott. Gerard Spiteri Maempel tad-9 ta' Mejju, 2023, u dan ai termini tal-Artikoli 253 u 256 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kopja legali ta' dan il-kuntratt notarili qed tiġi annessa ma' din l-ittra uffiċjali u markata bħala Dokument A.

Fin-nuqqas ta' ħlas jittieħdu passi ulterjuri skont il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra tagħkom in solidum bejnietkom.

Din l-ittra uffiċjali qed tiġi preżentata ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Raymond Camilleri (ID 317851M) of 46 (previously 62), Triq il-Forn, Ħal Lija, as joint and several guarantor;

Odette Camilleri (ID 395756M) of 46 (previously 62), Triq il-Forn, Ħal Lija, as joint and several guarantor.

By means of this present APS Bank plc previously APS Bank Limited (C2192) of APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4012, solicits you so that within one week from the notification of this judicial letter you pay the amount of €337,774.35 due by you, in solidum between you, as a debt constituted by means of a Constitution of debt deed in the records of Notary Dr Gerard Spiteri Maempel dated 9th May, 2023, as well as further interest at the rate of 8% every year with effect from the 9th May, 2023, till the date of effective payment due also according to the aforementioned notarial deed.

This judicial letter is serving to render executable the aforementioned constitution of debt deed in the records of Notary Dr Gerard Spiteri Maempel of the 9th May 2023 and this in terms of Articles 253 and 256 of Cap. 12 of the Laws of Malta. A legal copy of this notarial deed is being attached with this judicial letter and marked as document A.

In default of payment further steps according to law will be taken.

With costs against you in solidum between you.

This judicial letter is being filed in terms of Cap. 12 and Cap. 16 of the Laws of Malta.

Registry of the Superior Courts today 6th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1285

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-19 ta' Frar, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4565/2022, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Alaeddin Halbie et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti lil Alaeddin Halbie (KI 35069A) u martu Samah Mansour (KI 148406L) ta' 138 Whoopie, Triq San Albert, Il-Gżira, fit-28 ta' Ottubru, 2022, Bank of Valletta plc (C2833) ta' 1/5 Misraħ San Ġorġ, Il-Belt Valletta VLT 1190, filwaqt illi tirreferikom għall-iskrittura privata datata 11 ta' April, 2012, fejn intom iggarantejtu flimkien u in solidum ma' Blue Dan Company Limited għaf-favur tal-Bank of Valletta plc id-debiti tal-istess Blue Dan Company Limited sal-valur ta' €5,300, tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn

By means of a decree of the 19th February, 2024, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 4565/2022 in the names Bank of Valletta plc vs Alaeddin Halbie et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Alaeddin Halbie (ID 35069A) and his wife Samah Mansour (ID 148406L) of 138, Whoopie, Triq San Albert, Gżira, on the 28th October, 2022, Bank of Valletta plc (C2833) of 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta VLT 1190, whilst referring you to the private writing dated 11th April, 2012, where you guaranteed together and in solidum with Blue Dan Company Limited in favour of Bank of Valletta plc the debts of the same Blue Dan Company Limited with Bank of Valletta plc till the value of €5,300,

intom tħallsu flimkien u in solidum bejnietkom is-somma ta' €5,300 bilanċ għad-debitu fil-Business Loan, Overdraft u Current Accounts ta' Blue Dan Company Limited mal-Bank of Valletta plc, flimkien mal-imgħaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir mingħajr preġudizzju għal ammonti oħra dovuti minnkom lis-soċjetà mittenti li għalihom is-soċjetà mittenti qed tirriżerva li tipproċedi f'ġudizzju separat.

Is-soċjetà mittenti tavżakom illi jekk tonqsu hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tagħkom skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

solicit you so that within two days you pay the amount of €5,300, balance from a greater amount of debt in the Business Loan. Overdraft and Current Accounts of Blue Dan Company Limited with Bank of Valletta plc together with legal interest till the date of effective payment.

This solicitation is being made without prejudice to any other amount due by you to the interpellant company for which the interpellant company is reserving to proceed by means of a separate case.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Superior Courts today 6th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1286

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Mejju, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 831/2024, fl-ismijiet l-Awtorità tad-Djar vs Isaura Magri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fuq l-intimata Isaura Magri a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum l-1 ta' Marzu, 2024

Lil Isaura Magri (KI 0472988M) ta' A3 Towers, Block A2, Flat 204, Triq Ninu Cremona, Raħal Ġdid

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tad-Djar ta' 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, hekk kif rappreżentata minn Emerson Rizzo Gatt (KI 137801L) bil-ġurament tiegħu qed jikkonferma l-kontenut ta' din l-ittra uffiċjali u jinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €3,633.36, liema somma hija ċerta, likwida u dovuta minnek. Din is-somma tirrappreżenta l-ammont dovut lill-mittenti għall-ħlas ta' kirja tal-fond A3 Towers, Block A2, Flat 204, Triq Ninu Cremona, Raħal Ġdid, u sehmek mill-partijiet komuni u ma' hekk ebda raġuni għaliex m'għandux isir il-ħlas. Dikjarazzjoni bil-ġuramnet li tikkonferma dan id-dejn dovut qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. A.

Din il-proċedura qed tiġi addottata wara li inti ġejt interpellata bonarjament diversi drabi biex tħallas iżda xorta bqajt inadempjenti. Għar-raġunijiet fuq imsemmija din it-talba għandha tintlaqa'.

Jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum minn meta tiġi notifikata b'din l-ittra uffiċjali billi tippreżenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, liema

By means of a decree of the 3rd May, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 831/2024, in the names Housing Authority vs Isaura Magri, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Isaura Magri in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 1st March, 2024

To Isaura Magri (ID 0472988M) of A3 Towers, Block A2, Flat 204, Triq Ninu Cremona, Raħal Ġdid

By the present Housing Authority of 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, as represented by Emerson Rizzo Gatt (ID 137801L) confirms on aoth the contents of this letter, and solcits you so to pay the amount of €3,633.36, which amount is sure, liquid and due by you. This amount represent the amount due by you for the payment of the rent of the premises A3 Towers, Block A, Flat 204, Triq Ninu Cremona, Raħal Ġdid, and your share of the common parts and thus no reason why payment should not be made. A declaration with oath confirming this debt is being attached and marked as Doc. A.

This procedure is being adopted after you were formally solicited several times to pay but you remained in default. For the above reasons this request should be granted.

If you do not reply within thirty (30) days from the service of this judicial letter by filing an application before the Administrative Review Tribunal, which application may

rikors jista' jiġi ffirmat u ppreżentat fit-Tribunal minnek stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' avukat jew prokuratur legali, din l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv. Jekk tonqos li tħallas immedjatament se jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tiegħek inkluż il-ħruġ ta' mandati skont il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-interessi

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

be signed and filed in the Tribunal by yourself without the necessity of the signature of a lawyer or legal procurator, this judicial letter shall constitute an executive title. If you fail to pay immediately further procedures will be taken against you including the issuing of warrants according to law.

With costs and interest

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 6th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1287

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' April, 2024, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 378/2024, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Alexandra Ruggier pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Amber Properties a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 29 ta' Jannar, 2024

Lil Alexandra Ruggier (KI 0418569M) f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċejtà Amber Properties Limited (C28781)

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €42,446.65 rappreżentanti ammont dovut minnek pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

By means of a decree of the 24th April, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 378/2024, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Alexandra Ruggier pro et noe, the following publication for the purpose of service on the respondent Amber Properties Limited was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 29th January, 2024

To Alexandra Ruggier (ID 0418569M) in your own name and as director for and on behalf of the company Amber Properties Limited (C28781)

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €42,446.65 representing the amount due by you pro et noe as Value Added Tax according to this Act.

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Notifika: Amber Properties Ltd, Għadira Bay, Fl. 2, Dawret it-Tunnara, Il-Mellieħa

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Amber Properties Ltd, Għadira Bay, Fl. 2, Dawret it-Tunnara, Mellieħa

Registry of the Superior Courts, today 6th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1288

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Mejju, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 527/2024, fl-ismijiet John Bonnici vs James Aquilina et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fuq l-intimati James Aquilina u Josette Aquilina a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 12 ta' Frar, 2024

Lil James Aquilina (KI 0296879M) u Josette Aquilina (KI 0502279M) ta' 1, Camel Court, Triq Hurds Bank, Marsaskala MSK 1500

Permezz tal-preżenti John Bonnici (KI 204458M) ta' 82 Roman Palace, Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ ZBG 2419, qed jirreferikom għad-diversi pagamenti minnkom dovuti in relazzjoni ma' kirja tal-fond bl-isem Spiteri Court, Block B, Flat 6, Triq l-Iskola, Ħaż-Żabbar.

Illi fl-ewwel lok, u dan fir-rikgward tal-kera minnkom dovuta, ossia l-kirja tal-fond Spiteri Court, Block B, Flat 6, Triq l-Iskola, Ħaż-Żabbar, intom għandkom taffetwaw lill-mittenti l-kera ta' erba' (4) xhur b'valur ta' €2800 u ċjoè dik ta' €700 kull xahar;

Illi fit-tieni lok, il-mittenti qed jinterpellakom ukoll sabiex tħallsu s-somma ta' €1400 u dan rigwardanti dak dovut lis-soċjetà ARMS Ltd inkonnessjoni ma' kontijiet tal-konsum tad-dawl u l-ilma fuq il-kont tal-fond suċitat;

Illi minkejja li intom ġejtu interpellati diversi drabi intom nonostante bqajtu inadempjenti u għadkom sal-preżenti ġurnata ma affetwajtux tali ħlas. B'hekk intom qed tiġu interpellati sabiex fi żmien għaxart (10) ijiem min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tħallsu s-somma dovuta ammontanti għal €4,200 ossija l-ammont li jikkostitwixxi l-ħlas ta' kera kif ukoll dak dovut lis-soċjetà ARMS Ltd.

F'każ illi intom tonqsu milli tagħmlu dan il-mittenti mhux se jkollu għażla oħra għajr li jisitwixxi proċeduri legali fil-konfront tagħkom u dan mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant sabiex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

By means of a decree of the 9th May, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 527/2024, in the names John Bonnici vs James Aquilina et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on James Aquilina and Josette Aquilina in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 12th February, 2024

To James Aquilina (ID 0296879M) and Josette Aquilina (ID 0502279M) of 1, Camel Court, Triq Hurds Bank, Marsaskala MSK 1500

By the present John Bonnici (ID 204458M) of 82 Roman Palace, Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ ZBG 2419, he is referring you to the various payments due by you in relation to the lease of the premises with the name Spiteri Court, Block B, Flat 6, Triq L-Iskola, Ħaż-Żabbar.

That in the first place, and this in respect of the rent due by you, that is the lease of the premises Spiteri Court, Block B, Flat 6, Triq L-Iskola, Ħaż-Żabbar, you are to effect the interpellant the rent of four (4) months for the value of €2800 and that is that of €700 every month;

That in the second place, the interpellant is also calling upon you to pay the sum of €1400 and this regarding that due to ARMS Ltd in connection with water and electricity consumption bills on the account of the abovementioned premises;

That although you have been solicited several times you have remained in default and you have not effected such payment till the present day. Thus you are being solicited so that within ten (10) days from the service of this judicial letter you pay the sum due amounting to €4,200 or rather the amount which constitutes the payment of rent as well as that due to ARMS Ltd.

In case you fail to do this the interpellant shall have no choice but to institute legal proceedings against you and this without any other prior notice.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourselves.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 6th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1289

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-3 ta' Novembru, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2030/2023, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Antonia Borg, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Antonia Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 27 ta' Ġunju, 2023

Lil Antonia Borg (KI 309944M) ta' 42, Bini tal-Gvern, Flt 6, Triq il-Kunċizzjoni, L-Imsida

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €2,841.01, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skot il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000237947 ossija dwar il-fond bl-indirizz Flt 6, Ent. 42, Phase III, Triq il-Kunċizzjoni, L-Imsida.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

By means of a decree of the 3rd November, 2023, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2030/2023 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Antonia Borg the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Antonia Borg in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 27th June, 2023

To Antonia Borg (ID 309944M) of 42, Bini tal-Gvern, Flt 6, Triq il-Kunċizzjoni, Msida

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €2,841.01 which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding regarding the utility bills with number 101000237947 regarding the premises with address Flt 6, Ent. 42, Phase III, Triq il-Kunċizzjoni, Msida

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 6th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1290

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-21 ta' Ġunju, 2023, fuq talba ta' Dolores sive Maria Dolores Catania et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw id-directus dominus fl-atti taċ-ċedola numru 1158/2023 fl-ismijiet Dolores sive Maria Dolores Catania et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1158/2023 fl-ismijiet Dolores sive Maria Dolores Catania armla ta' Thomas Catania bint Emmanuel Tabone u Mary Tabone née Pace, imwielda l-Ħamrun fil-15 ta' Marzu, 1944, u residenti Santa Venera (KI 245344M); Jean Pierre Catania, iben il-mejjet Thomas Catania u Maria Dolores Catania née Tabone, imwieled Tal-Pietà nhar l-1 ta' Mejju, 1989, u residenti Santa Venera (KI 209889M); Louise Catania bint il-mejjet Thomas Catania u Maria Dolores Catania née Tabone imwielda Ħ'Attard fit-13 ta' Frar, 1969, u residenti Santa Venera (KI 71869M); u Caroline Bartolo née Catania, mart Rene Bartolo, bint il-mejjet Thomas Catania u Dolores Catania née Tabone, imwielda Tal-Pietà nhar it-28 ta' Frar, 1973, u residenti Birkirkara (KI 168873M), vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw is-sidien li għandhom id-directus dominus, preżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-12 ta' Ġunju, 2023, fejn Maria Dolores Catania (KI 245344M) et esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti Jean Pierre, Caroline u Louise aħwa Catania kienu akkwistaw nofs (1/2) indiviż tal-fond numru 177 qabel indikat bħala 176, Triq Isouard, Il-Marsa, mill-wirt ta' missierhom Thomas Catania li miet nhar it-22 ta' Mejju, 1993, u dan il-fond huwa ddikajrat fid-dikjarazzjoni causa mortis ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Anthony Gatt datat 6 ta' Ottubru, 1993 (Dok. A);

Illi Thomas Catania żewġ il-komparenti Maria Dolores Catania u missier l-aħwa Catania kien akkwista l-imsemmija proprjetà flimkien ma' martu Maria Dolores Catania b'titolu ta' legat mingħand Anthony Catania li miet fl-14 ta' Jannar, 1976, b'testment fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt datat 21 ta' Marzu, 1973 (Dok. B);

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 21st June, 2023, following a request by Dolores sive Maria Dolores Catania et vs Deputy Curators to represent the directus dominius in the records of the schedule of deposit number 1158/2023 in the names Dolores sive Maria Dolores Catania et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 1158/2023 in the names of Dolores sive Maria Dolores Catania widow of Thomas Catania daughter of Emmanuel Tabone and Mary née Pace, born in Ħamrun on the 15th March, 1944, and residing in Santa Venera (ID 245344M); Jean Pierre Catania, son of the late Thomas Catania and Maria Dolores Catania née Tabone, born in Tal-Pietà on the 1st May, 1989, and residing in Santa Venera (ID 209889M); Louise Catania daughter of the late Thomas and Maria Dolores Catania ne Tabone, born in Ħ'Attard on the 13th February, 1969, and residing in Santa Venera (ID 71869M); and Caroline Bartolo née Catania, wife of Rene Bartolo, daughter of the late Thomas Catania and Dolores Catania née Tabone, born in Tal-Pietà on the 28th February, 1973, and residing in Birkirkara (ID 168873M), vs Deputy Curators to represent the directus dominus, filed in the First Hall of the Civil Court on the 12th June, 2023, the applicants Maria Dolores Catania (ID 245344M) et respectfully submitted:

That the applicants Jean Pierre, Caroline and Louise siblings Catania had acquired half (1/2) undivided share of the premises number 177 previously indicated as 176, Triq Isouard, Marsa, from the inheritance of their father Thomas Catania who died on the 22nd May, 1993, and this premises is declared in the declaration causa mortis published in the records of Notary Dr Anthony Gatt dated 6th October, 1993, (Doc.A);

That Thomas Catania husband of Maria Dolores Catania and the father of the siblings Catania had acquired the said property together with his wife Maria Dolores Catania by title of legacy from Anthony Catania who died on the 14th January, 1976, by will in the records of Notary Anthony Gatt dated 21st March, 1973 (Doc. B);

Illi l-imsemmija proprjetà nbniet fuq art li kien akkwista l-imsemmi Anthony Catania permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Edoardo Calleja Schembri datat 6 ta' Lulju, 1937 (Dok. C);

Illi d-directus dominus jew is-suċċessuri fit-titolu huma injoti u għaldaqstant se jigu rappreżentati fl-atti ta' din iċ-ċedola mill-kuraturi deputati;

Illi l-esponenti qegħdin jipprevalixxu ruħhom mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 1501 tal-Kodici Ċivili (Kap. 16) u jifdu l-istess ċens kif stipulat fl-istess liġi;

Illi l-esponenti qegħdin jippreżentaw kopja tas-site plan li qegħda tiġi mmarkata bħala Dok. E;

Illi s-somma ta' €2.33 kapitalizzata bir-rata ta' 5% tammonta għal €46.60;

Illi kontestwalment l-esponenti qegħdin jiddepożitaw is-somma ta' €11.65 rappreżentanti ħames (5) snin arretrati ta' ċens;

Illi l-esponenti qegħdin jiddepożitaw ukoll is-somma ta' €2.33 rappreżentnati laudemium.

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jifdu ċ-ċens impost fuq il-fond imsemmi fl-ammont kif premess jadixxu din il-Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma kumplessiva ta' €60.58 sabiex l-istess tiġi liberament irtirata skont il-liġi wara li titħalla d-debita rċevuta skont il-liġi.

Esponenti: 177, Triq Isouard, Il-Marsa

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Reġistru tal-Artijiet, Casa Bollino, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, LLD, Duttur tal-Liġi.

That the said property was built on land acquired by the said Anthony Catania by means of a contract published in the records of Notary Dr Edoardo Calleja Schembri dated 6th July, 1937 (Doc. C);

That the directus dominus or the successors in title are not known and thus shall be represented in the records of this schedule of deposit by deputy curators;

That the applicants are availing themselves of the provisions of Article 1501 of the Civil Code (Cap. 16) and redeem the same groundrent as stipulated in the same law;

That the applicants are presenting a copy of the site plan which is being marked as Doc. E;

That the sum of €2.33 capitalised at the rate of 5% amounts to €46.60;

That at the same time the applicants are depositing the sum of €11.65 representing five (5) years arrears of groundrent;

That the applicants are depositing also the sum of €2.33 representing laudemium.

Thus, the applicants in order to redeem the groundrent imposed on the premises mentioned in the amount as premised calls upon this Court and under its authority deposit the global sum of €60.58 so that the same be freely withdrawn according to law after leaving the due receipt according to law.

Applicant: 177, Triq Isouard, Marsa

Notification: Director Public Registry, Public Registry, Valletta
Lands Registry, Casa Bolino, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, LLD, Doctor of Laws.

Illum 21 ta' Ġunju, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Today 21st June, 2023

Registry of the Superior Courts, today 6th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1291

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-20 ta' Ġunju, 2023 fuq talba ta' Rachel Khanna ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw id-direttarji u/jew subdirettarji mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1227/2023 fl-ismijiet Rachel Khanna vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1227/2023 fl-ismijiet Rachel Khanna (KI 356880M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw id-direttarji u/jew subdirettarji, skont il-każ mhux magħrufa tal-fond 293 (gja 323), Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-16 ta' Ġunju, 2023, fejn Rachel Khanna (KI 356880M) esponiet bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dott.Elena Farrugia datat 23 ta' Ottubru, 2008 (Dok. A) l-esponenti xtrat il-fond 293 ġja 323 fi Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar, versu ċ-ċens annwu u perpetwu ta' €1.75 fis-sena;

Illi l-esponenti ma rriżultala minn imkien min huma s-sidien taċ-ċens originali fis-somma ta' €1.75 fis-sena;

Illi l-epsonenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha mill-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tifdi ċ-ċens gravanti fuq dan l-immobbli;

Illi l-ammont ta' €1.75 kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €35.

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qed tiddepożita s-somma ta' €35 rappreżentanti l-prezz ta' fidi ta' dan iċ-ċens kif hawn fuq spjegat sabiex jiġi liberament mogħti lill-intimati wara li jħallu d-debita ricevuta. B'hekk spiċċat l-obbligazzjoni għall-ħlas taċ-ċens hawn fuq imsemmi.

Esponenti: 293, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 20th June, 2023, following a request by Rachel Khanna vs Deputy Curators to represent the unknown direct owners of sub direct owners in the records of the schedule of deposit number 1227/2023 in the names Rachel Khanna vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 899/2023 in the names of Rachel Khanna (ID 356880M) vs Deputy Curators to represent the unknown direct owners and the sub direct owners, according to the case of the premises number 293 previously 323, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar, filed in the First Hall of the Civil Court on the 16th June, 2023, the applicant Rachel Khanna (ID 356880M) respectfully submitted:

That by means of a contract of sale in the records of Notary Dr Elena Farrugia dated 23rd October 2008 (Dok A), the applicant acquired the premises 293 previously 323, in Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar, for the annual and perpetual groundrent of €1.75.

That the applicant did not result her from anywhere who are the owners of the original groundrent in the sum of €1.75 per year;

That the applicant wishes to avail herself of the faculty given to her by Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the groundrent burdening this immovable;

That the amount of €1.75 capitalised at the rate of 5% amounts to €35.

Thus, the applicant is calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the sum of €35 representing the price of redemption of this groundrent as above explained so that it be freely given to the respondents after leaving the due receipt. Thus the obligation for the payment of the groundrent above mentioned ended.

Applicant: 293, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Reġistru tal-Artijiet, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 20 ta' Ġunju, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Notification: Director Public Registry, Valletta
Lands Registry, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Abela, LLD, Doctor of Laws.

Today 20th June, 2023

Registry of the Superior Courts, today 6th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1292

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju, 2024, fuq talba ta' Strahinja Rajkovic et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Norven Punzalan Ramos fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2013/2024 fl-ismijiet Strahinja Rajkovic et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-25 ta' April, 2024, ta' Strahinja Rajkovic (KI 37549A) u Dragana Zivanovic (KI 37550A) ta' c/o 21, Flat 1, Triq il-Konverzjoni, San Pawl il-Baħar, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Norven Punzalan Ramos (KI 210002A) u Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C48875) ta' Malta Public Transport, Sqaq il-Fdal tal-Ħadid, Triq Valletta, Ħal Luqa u Mapfre Middlesea plc (C5553) ta' Middlesea House, Il-Furjana, fejn permezz tal-preżenti Strahinja Rajkovic u Dragana Zivanovic personalment, għad-danni li soffrew proprio kif ukoll fil-kwalità ta' ġenituri u eredi tal-mejta Kristina

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 6th May, 2024, following a request by Strahinja Rajkovic et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Norven Punzalan Ramos in the acts of the judicial letter number 2013/2024 in the names Strahinja Rajkovic et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 25th April, 2024, by Strahinja Rajkovic (ID 37549A) and Dragana Zivanovic (ID 37550A) of c/o 21, Flat 1, Triq il-Konverzjoni, St Paul's Bay, against deputy curators to represent Norven Punzalan Ramos (ID 210002A), Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C48875) Malta Public Transport, Sqaq il-Fdal tal-Ħadid, Triq Valletta, Ħal Luqa and Mapfre Middlesea plc (C5553) of Middlesea House, Floriana, where by the present Strahinja Rajkovic and Dragana Zivanovic personally, for the damages suffered by proprio as well as in the capacity of parents and heirs of the deceased Kristina Zivanovic,

Zivanovic, jinterpellawkom flimkien u in solidum sabiex tersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti mill-mittenti wara li binthom mietet b'rizultat ta' ħtijiet tagħkom jew tal-assikurti tagħkom skont il-każ.

Il-mittenti jagħmlu referenza għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-24 ta' Awwissu, 2022, għall-ħabta ta' 12.10 p.m. fi Triq Notabile, Birkirkara, meta inti Norven Punzalan Ramos, kont qed issuq ix-xarabank bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS-156 u b'imperizja, negliġenza, traskuraġni, nuqqas ta' kont u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, tajjart lil Kristina Zivanovic li tilfet ħajjitha b'riżultat tal-istess inċident.

Il-mittenti qed jinterpellaw lilkom, Malta Public Transport Services (Operations) Limited, talli nqastu fl-eżerċizzju ta' diliġenza meta impjegajtu lil Norven Punzalan Ramons, u/jew talli nqastu milli tħarsu l-esekuzzjoni ta' xogħlu fost nuqqasijiet oħra.

Fin-nuqqas li tersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kagonati lill-mittenti, huma se jistitwixxu proċeduri ġudizzjarji mingħajr ebda preavviż ieħor.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas effettiv.

Rikorrenti: c/o 21, Flat 1, Triq il-Konverżjoni, San Pawl il-Baħar

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufh lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Aaron Bugeja, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 6 ta' Mejju, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

solicit you together and in solidum to come forward for the liquidation and payment of all the damages suffered by the interpellants after their daughter died as a result of your faults or of your insurer as the case may be.

